# IL-WEGĦDI MAL-QADDISIN

**Arthur Grima**

Il-wegħdi dejjem kienu jsiru u wieħed jassoċjahom mar-reliġjon bħala mod ta' devozzjoni. Dejjem kien hawn nies devoti lejn xi qaddis, għalhekk meta xi ħadd jagħmel wegħda araħ imur jitlob lil dak il-qaddis li jkollu devozzjoni partikolari lejh.

Storja li seħħet tassew hija dik ta' Katarina u binha Feliċ. Din Katarina Schembri, xebba Galea mwielda ż-Żurrieq, kienet toqgħod Bengħajsa. Fl-1945 binha Feliċ ta' tliet snin bdew ituh l-aċċessjonijiet. Din l-omm tistgħu taħsbu kif iġġennet b'dak li beda jiġri u ġriet mhux ftit għand it-tobba biex tipprova tfejqu. Bħala mara ta' fidi kbira, Katarin sabet ir-refuġju tagħha f'San Franġisk. Ma' dan il-qaddis għamlet wegħda għall-fejqan ta' binha Feliċ. Il-wegħda kienet li lil binha tlibbsu ċ-ċoqqa bħal ta' patri Franġiskan.

Din iċ-ċoqqa kienet ta' kulur kannella skur bil-kurdun mal-qadd. Katarin sabet biċċa drapp l-istess bħal tal-patrijiet, u ħetithielu. Għal min forsi ma jafx, dan it-tip ta' drapp ixewwek mhux ħażin, u mur ara dak il-povru tifel ta' tliet snin x'kien iħoss. Din il-libsa dam jilbisha għal madwar sena u nofs; immaġinawh bil-libsa fis-sħana tas-sajf! Ħutu li kienu akbar minnu kienu jarawha stramba din il-biċċa li ħuhom kien dejjem liebes l-istess libsa.

Meta Katarina rat li binha kien fieq, neżżgħatlu din il-libsa minn fuqu u l-wegħda lil San Franġisk ġiet fi tmiemha. M'għandniex xi ngħidu li Katarin ferħet mhux ħażin bil-fejqan ta' binha, biss jien naħseb li aktar feraħ iċ-ċkejken Feliċ, għax fl-aħħar ħeles mix-xwiek li kien iħoss bil-libsa ta' San Franġisk!



Feliċ Schembri ma' ħutu liebes ta' San Franġisk fil-bitħa tar-razzett (ara pag. 28)




Is-siġġijiet tal-knisja (ara l-faċċata li jmiss)